MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 2651/2000/1

**Maggur Alfred Briffa, Joanna Briffa u Edward Briffa**

**vs**

**The Golden Shepherd Group Limited li tiggestixxi St. Philip's Hospital; Dr. Mirabelle Camilleri MD, Elizabeth Sarsero u Carmen Cannataci**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 21 ta' Dicembru 2000 ipprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn esponew: -

Illi fl-1 ta' Ottubru 1999 Lilian Briffa, persuna li kienet prattikament ghamja, giet rikoverata f'St. Philip's Hospital (*Room 117*) minhabba li kienet qed issofri minn *bronchite*.

Illi skont ir-*records* medici, fit-3.00 p.m. u fis-6.00 p.m. tat-3 ta' Ottubru 1999 Lilian Briffa kellha 'fainting episodes' bi sturdament u qtugh ta' nifs.

Illi r-regola fl-Isptar hija li l-ebda *medicinal* ma jinghata lill-pazjenti hlief bl-approvazzjoni tal-konsulent tal-pazjent jew pazjenta individwali.

Illi minghajr l-approvazzjoni tal-ispecjalista Dr. Stephen Montfort, fl-10.00 p.m. giet somministrata lil Lilian Briffa pillola *Stilnox* ta' 10mg (Zolpidem hemitartrate), li huwa *medicinal allucinogenu*. Din giet registrata fit-taqsima *'Required Medication'* fil-*file* tal-pazjenta, izda ma gietx registrata fit-taqsima *'Once Only Medication'.*

Illi ftit tal-hin wara, giet somministrata pillola ohra *Stilnox* 10mg, minghajr ebda rigward ghall-fatt li kienet ghadha kemm inghatat doza ohra mill-istess *medicinal allucinogenu*. F'din it-tieni okkazzjoni, in-'nurse' lanqas biss harset lejn id-dokumenti fl-istorja klinika fejn kien hemm indikat li kienet diga' giet somministrata lill-pazjenta pillola ohra *Stilnox*. Il-pazjenta Lilian Briffa thalliet minghajr l-ebda sorveljanza. It-tieqa tal-kamra, li nfethet min-*nurse* Elizabeth Sarsero, ma gietx maghluqa ghas-sigurezza tal-pazjenta.

Illi 'on duty' dak il-lejl kien hemm it-Tabiba Dr. Mirabelle Camilleri u n-*nurses* Elizabeth Sarsero u Carmen Cannataci.

Illi minnufih wara, Lilian Briffa kellha allucinazzjonijiet kawzati mill-pilloli *allucinogeni* (hypnotic) *Stilnox*, somministrati lill-pazjenta waqt li kellha sturdamenti u qtugh ta' nifs. Fix-'Scheduling Status' ta' dan il-*medicinal* jinghad espressament: *"Careful use in elderly subjects"* u *"Adults over 65 years: begin the treatment with a ½ tablet immediately before going to bed. Do not exceed a daily dose of one tablet treatment. "*

Illi n-'nurse' li ssomministrat iz-zewg pilloli *Stilnox* konsekuttivament fi spazju ta' saghtejn lill-pazjenta Lilian

Briffa [li, kif intqal qabel, kienet prattikament ghamja] naqset li taghlaq u ssakkar it-tieqa tal-kamra (gholja 28¼ ins. mill-art) fit-tielet sular li fiha kienet qed tinzamm Lilian Briffa.

Illi b’rizultat ta’ dan, Lilian Briffa waqghet gholi ta’ tliet sulari u sofriet feriti multipli, fosthom *‘rupture of the heart’,* liema ferita interna pproduciet il-mewt. Il-mewt grat ghall-habta ta’ nofs il-lejl (12.00 a.m.) fil-lejl ta’ bejn it-3 u l-4 ta’ Ottubru 1999.
Illi bint l-imsemmija Lilian Briffa, jigifieri Anna Gatt, ukoll mietet ftit wara b’rizultat ta’ *shock* u stress wara l-mewta tragika ta’ ommha.

Illi l-mewt involontarja ta’ Lilian Briffa grat minhabba negligenza grassa, nuqqas ta’ hila u imprudenza da parti ta’ St. Philip’s Hospital u d-dirigenti, l-istaff paramediku u l-istaff mediku tieghu, fi gradi differenti, liema mewta certament setghet tigi evitata kieku kien hemm id-diligenza dovuta.

Illi l-atturi, bhala qraba u werrieta ta’ Lilian Briffa, ghandhom dritt ghad-danni konsegwenzjali ghall-mewta tragika tal-imsemmija Lilian Briffa.

Illi l-konvenuti gew interpellati biex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni, izda baqghu inadempjenti.

Jghidu l-konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-mewt involontarja ta’ Lilian Briffa, li grat fil-lejl ta’ bejn it-3 u l-4 ta’ Ottubru 1999.

2. Tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta’ Ottubru 2000, kontra l-konvenuti, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-1 ta’ Marzu 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Dr. Mirabelle Camilleri llum Pace datata 8 ta’ Marzu 2001 (fol 18) fejn esponiet : -

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi hija ma hijiex responsabbli ghall-mewt ta’ Lilian Briffa u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi hija diga’ giet ezonerata mir-responsabbilta’ ghall-mewt ta’ Lilian Briffa fl-inkjesta magisterjali maghluqa mill-Onorevoli Magistrat Jacqueline Padovani Grima fis-6 ta’ Settembru 2000 li kopja taghha qed tigi annessa u mmarkata Dokument MP1.

3. Illi mhux minnu illi l-konvenuta ppreskriviet zewg pilloli *Stilnox* fit-3 ta’ Ottubru 1999 imma ppreskriviet *Stilnox* wahda u kif jista’ jigi kkonfermat minn Elizabeth Sarsero dak li ghamlet fl-4 ta’ Ottubru 1999 kien ir-rapport ghal l-ghada filghodu.

4. Illi anke kieku Lilian Briffa hadet zewg pilloli *Stilnox* xorta dan ma kienx ikun il-kawza tal-mewt taghha, u dan kif gie konkjuz mill-inkjesta magisterjali.

5. Illi Lilian Briffa xxatbet mit-tieqa tal-isptar li ghandha hogor ta’ 62cm biex hija tkun tista’ tpejjep haga li kienet problema kompulsiva ghaliha u biex taghmel dan hija telghet fuq banketta li qabel caqalqitha minn postha u poggietha taht it-tieqa tal-kamra taghha, u dan kif jirrizulta mill-istess inkjesta magisterjali.

6. Illi Lilian Briffa ghamlet dan biex tevita li tinqabad mill-*smoke hazard alarm* li l-isptar kien addit bih.

7. Illi l-allegazzjoni tal-atturi hija malafamanti in konfront taghha iktar u iktar meta hija giet liberata mir-responsabbilta` ghall-mewt ta' Lilian Briffa fl-inkjesta magisterjali u qed tirriserva kull azzjoni ta' danni in konfront tal-atturi.

8. Illi l-mejta Lilian Briffa kienet allucinata ma tirrizultax la mill-fatti, la mill-awtopsja u lanqas mill-inkjesta magisterjali u ghalhekk hija ghal kollox gratuwita u m'hemm ebda *nexus* li din ezistiet u/jew ikkawzat il-mewt ta' Lilian Briffa.

9. Illi tant ma kinetx allucinata li hija resqet il-banketta fuq it-tieqa, telghet fuq il-hogor tat-tieqa ta' 62 centimetru, ixxabtet ghal barra u sfortunatament waqghet.

10. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Elizabeth Sarsero datata 19 ta' April 2001 (fol 71) fejn esponiet : -

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi hija mhijiex responsabbli ghall-mewt ta' Lilian Briffa u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fl-inkjesta magisterjali li saret mill-Onor. Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima u konkluza fis-6 ta' Settembru 2000, il-konvenuta giet ezonerata minn kull responsabbilta` ghall-mewt ta' Lilian Briffa (Dok ES 1);

3. Illi gie stabbilit illi ma kien hemm ebda hjiel ta' negligenza fl-operat ta' Elizabeth Sarsero;

4. Illi min-naha taghha Lilian Briffa, sabiex tkun tista' tpejjep, ixxabbtet barra mit-tieqa tal-kamra assenjata lilha gewwa l-Isptar St. Philips, liema tieqa ghandha hogor ta' 62 centimetru;

5. Illi kif stabbilit mill-istess inkjesta magisterjali, sabiex tlahhaq mat-tieqa Lilian Briffa telghet fuq banketta li hija stess poggiet taht it-tieqa tal-kamra taghha;

6. Illi Lilian Briffa ghamlet dan sabiex tissodisfa l-vizzju taghha tat-tipjip, minghajr ma tinkixef mis-sistema *tas-smoke hazard alarm* ezistenti fl-Isptar;

7. Illi mill-inkjesta magisterjali u mill-awtopsja ma jirrizulta mkien li l-mejta Lilian Briffa kienet allucinata u ghalhekk kull asserzjoni f'dan is-sens hija gratuwita u ma jezisti ebda rbit li din setghet ikkagunat il-mewt ta' Lilian Briffa;

8. Illi tant Lilian Briffa ma kinetx allucinata illi hija stess resqet il-banketta hdejn it-tieqa, telghet fuq il-hogor tat-tieqa u xxabbtet ghal barra sabiex tpejjep, fejn sfortunatament waqghet;

9. Illi meta wiehed jikkunsidra li l-konvenuta Elizabeth Sarsero giet ezonerata minn kull responsabbilta` fl-inkjesta magisterjali, l-allegazzjonijiet attrici huma malafamanti fil-konfront taghha u tirriserva li tiehu kull azzjoni ta' danni in konfront tal-atturi;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' The Golden Shepherd Group Limited datata 24 ta' April 2001 (fol 125) fejn esponiet: -

1. Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *statne* illi l-mewt ta' Lilian Briffa ma hija bl-ebda mod imputabbli lis-socjeta` konvenuta li aggixxiet bil-prudenza, diligenzi u hila kollha rikjesta mil-ligi fic-cirkostanzi tal-kaz in kwistjoni.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tat-30 ta' Novembru 2001 (fol 136) mahrug ghall-finijiet u bis-setgha moghtija lil din il-Qorti kif diversament presjeduta, fl-aritkolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara talba li saret waqt is-smigh tal-kawza tal-24 ta' April 2001, f'isem l-imharrkin biex il-Qorti tordna li jkun hemm divjet ta' pubblikazzjoni fil-gurnali jew

mezzi tax-xandir ta’ dak li jinghad u jinxehed matul il-kawza; u l-Qorti mhijiex qieghda tilqa’ t-talba tal-imharrkin biex tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ghaliex fil-fehma taghha tali talba mhijiex misthoqqa fid-dritt.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Carmen Cannataci datata 4 ta’ Dicembru 2001 a fol 1445 tal-process fejn esponiet: -

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi hija mhix responsabbli ghall-mewt ta' Lilian Briffa u ghalhekk ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi hija diga` giet ezonerata mir-responsabbilta' ghall-mewt ta' Lilian Briffa fl-inkjesta magisterjali maghluqa mill-Onorevoli Magistral Jacqueline Padovani Grima fis-6 ta' Settembru 2000 li kopja taghha qed tigi annessa u mmarkata Dokument MP1.

3. Illi hija bi professjoni hija *midwife* u x-xoghol taghha huwa fil-*maternity* ward tal-isptar St. Philips. Illi hija giet mghajta minn Josephine Zammit u cioe` *head of shift* biex tohrog mat-tabiba Dott. Mirabelle Camilleri biex jghatu l-ewwel ghajnuna lill-pazjenta Lilian Briffa li sussegwentement irrizultalhom li kienet mejta.

4. Illi hija qatt ma kienet prezenti fil-*ward* fejn kienet tinstab Lilian Briffa, qatt ma kienet responsabbli ghal dak il-*ward* u kienet prezenti biss meta giet mghajta mill-*head of shift* biex tohrog mat-tabiba Dott. Mirabelle Camilleri biex tara x'garalha Lilian Briffa.

5. Illi kif jirrizulta mill-inkjesta magisterjali Lilian Briffa setghet ixxabtet mit-tieqa tal-isptar li ghandha hogor ta' 62 centimetru biex hija tkun tista' tpejjep, haga li kienet problema kompulsiva ghaliha u biex taghmel dan, hija telghet fuq banketta li qabel caqqalqitha minn postha u poggietha taht it-tieqa tal-kamra taghha u dan kif jirrizulta mill-istess inkjesta magisterjali.

6. Illi Lilian Briffa ghamlet dan biex tevita li tinqabad mill-*smoke hazard alarm* li l-isptar kien addit bih.

7. Illi l-allegazzjoni tal-atturi hija malafamanti in konfront taghha iktar u iktar meta hija giet liberata mir-responsabbilta' ghall-mewt ta' Lilian Briffa fl-inkjesta magisterjali u qed tirriserva kull azzjoni ta' danni in konfront tal-atturi.

8. Illi l-mejta Lilian Briffa kienet allucinata ma tirrizultax la mill-fatti, la mill-awtopsja u lanqas mill-inkjesta magisterjali u ghalhekk hija ghal kollox gratuwita u m'hemm ebda *nexus* li din ezistiet u/jew ikkawzat il-mewt ta' Lilian Briffa.

9. Illi tant ma kinetx allucinata li hija resqet il-banketta taht it-tieqa, telghet fuq il-hogor tat-tieqa ta' 62 centimetru, ixxabtet ghal barra u sfortunatament waqghet.

10. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi pprezentata fl-1 ta' Frar 2006 a fol 726 tal-process.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta` The Golden Shepherd Group Limited datata 3 ta' Mejju 2006 a fol 749 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' Dr. Mirabelle Pace MD Carmen Cannataci u Elizabeth Sarsero datata 23 ta' Gunju 2006 a fol 774 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2006 (fol 794) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Tonio Azzopardi tratta ulterjorment. Trattazzjoni ta' Dr. Arthur Galea Salamone. Tratta wkoll Dr. Edward Debono. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2007; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tas-27 ta' Settembru 2012 mizmuma quddiem l-istess Qorti kif diversament presjeduta fejn il-kawza baqghet differita ghall-31 ta' Jannar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti tal-31 ta' Jannar 2013 u tas-26 ta' Marzu 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn fl-ahhar seduta deher Dr. Tonio Azzopardi ghal Edward Briffa l-attur prezenti. Dr. Arthur Galea Salamone deher ghas-socjeta` konvenuta Golden Shepherd Group Ltd. Il-konvenuti l-ohra msejhin tliet darbiet baqghu ma dehrux. Trattazzjoni ta' Dr. Tonio Azzopardi f'isem ir-rikorrenti (*on tape*). Trattazzjoni ta' Dr. Edward Debono ghan-nom ta' Mirabelle Pace, Carmen Cannataci u Elizabeth Sarsero (*on tape*). Trattazzjoni ta' Dr. Arthur Galea Salamone ghas-socjeta` konvenuta (*on tape*). Replika ta' Dr. Tonio Azzopardi (*on tape*). Id-difensuri trattaw il-kawza *in estenso*. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2013.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza ghad-danni bazata fuq l-allegazzjoni li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghall-mewt tragiku ta' Lilian Briffa, li mietet wara li waqghet mit-tieqa tal-kamra fejn kienet qed tigi rikoverata fl-Isptar St. Philips, fil-lejl bejn it-3 u l-4 ta' Ottubru1999.

Illi l-konvenuti min-naha taghhom jichdu tali allegazzjoni u ressqu diversi eccezzjonijiet li se jigu kkunsidrati aktar 'il quddiem.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Nhar l-1 ta' Ottubru 1999 Lilian Briffa, mart l-attur u omm Joanna u Edward Briffa, mara ta' 74 sena, kienet giet rikoverata fl-Isptar St. Philip's minhabba li kienet qed issofri minn 'bronchite'. Ghall-habta ta' nofs il-lejl, wahda minn *nurses* li kienet *on duty,* Elizabeth Sarsero, indunat li ma kenitx f'kamritha, u, wara tfittxija, sabuha mejta fil-gnien taht it-tieqa tal-kamra taghha. Mill-investigazzjoni li saret mill-pulizija ftit ta' hin wara, irrizulta li ma kienx hemm taqlib fil-kamra taghha, u li t-tieqa tal-kamra kienet miftuha.

## PROVI PRODOTTI

Fil-kors tal-proceduri, apparti testimonjanzi moghtija *viva voce*, gew prodotti ritratti, dokumenti u kopja tal-'process verbal' tal-inkjesta Magisterjali dwar il-mewt ta' Lilian Briffa (fol 573 sa 724 tal-process).

**Konkluzjoni tal-Magistrat Inkwirenti.**

Mir-rapport jirrizultaw is-segwenti konkluzjonijiet:-

"*Il-Magistrat inkwirenti hija tal-fehma illi xenarjo fejn pazjenta tqum tard bil-lejl biex tpejjep kontra r-regolament tal-isptar ma tantx hu kompatibbli ma' persuna li kienet vittma ta' allucinazzjonijiet.*

*Illi ghalhekk il-Magistrat inkwirenti hija tal-fehma li r-rizultanzi tal-'pathology report' flimkien max-xhieda ta' Dr. Michael Sammut, u x-xhieda kollha f'din l-inkjesta, fil-fatt juru stampa kompletament diversa mill-allegazzjonijiet indikati mill-familja Briffa; dawn ir-rizultanzi huma ferm aktar kompatibbli ma' persuna li tkun imxabbta barra mit-tieqa appozitament ghaliex xtaqet tpejjep klandestinament wara li kienet ghamlet granet minghajr ma pejpet. Illi l-effett ta' nikotina wara perjodu ta' astinenza kkaguna sturdament fl-istess Lilian Briffa li ghelbet ghal isfel.*"

Konsegwentement il-konvenuti hargu incensurati.

Is-segwenti punti johorgu mill-inkjesta li huma rilevanti ghall-ezami civili tal-kaz.

i. Ma rrizultax li kien hemm sinjali ta' vjolenza fuq il-katavru mhux kompatibbli mal-wagha u lanqas sinjali ta' disturb fil-kamra tal-pazjenta.

ii. Irrizulta li d-*decujus* ma kellhiex tendenzi suwicidali jew sintomi ta' depressjoni. Kienet fi stat mentali normali. (ara xhieda ukoll ta' Dr. Steven Montfort fl-atti ta' din il-kawza).

iii. Skont l-espert forensiku, Dr. Mario Scerri[1] li ezamina l-gisem fis-saghtejn ta' filghodu, kienet ilha mejta xi saghtejn, cioe' minn nofs il-lejl.

iv. Mir-rapport tal-Perit AIC Richard Aquilina, johrog li t-tieqa tal-kamra taghha, numru 117, kellha gholi ta' 28 u 1/4 pulzier u li, fl-opinjoni tal-Perit, dan kien pjuttost baxx.[2]

v. It-tieqa kienet fonda d-dobblu tal-hajt estern cioe` hogor ta' 33cm, hxuna ta' gwarnic ta' *aluminium* u 'l barra minn dan, wisgha ta' 25cm ta' hajt zurzieqa. Wiesgha intier ta' 62 cm.

vi. Ma nstabu ebda sigaretti jew *lighters* fil-kamra 117 li kienet il-kamra tad-*decujus*.

vii. Lilian Briffa kienet ta' statura zghira ta' tul ta' 149 cm skont ir-rapport patologiku tal-awtopsja u li kien difficli tifhem kif din ghelbet ghal isfel.

viii. Taht it-tieqa kien hemm banketta gholja 55cms bil-gurnali fuqha.

ix. It-tieqa tal-kamra 117 kienet miftuha, bil-purtieri iperpru.

x. It-tieqa infethet fuq talba tal-pazjenta.

xi. It-twieqi tal-Isptar jinzammu maghluqa bhala *policy* minhabba li l-Isptar huwa *controlled airconditioned environment* u biex jinfethu hemm cavetta ghal kull sular. Jinfethu jekk il-pazjent hekk jixtieq sakemm ma jkunx hemm raguni valida imqar potenzjalment biex jigi rifjutat.

Riferibbilment ghal dan ir-rapport, izda, jinghad f'dan l-istadju bikri li l-Qorti osservat zball fl-apprezzament tal-prova rigward il-medicina *Stilnox* da parti tal-Magistrat Inkwirenti. A fol. 603 tal-process tghid li ghar-rigward tal-allegazzjoni maghmula mill-familjari ta' Lilian Briffa

---

[1] Rapport a fol. 629 et seq tal process. Dan ir-rapport gie riprodott fl-atti ta' din il-kawza - **Dok. SC1** a fol. 317 et.seq. fejn anke kkonfermah **Dr. Mario Scerri.**

[2] Ir-rapport tieghu gie riprodott fl-atti ta' din il-kawza - **DOK RA1** a fol. 312.et.seq.

rigward *overdose* ta' *Stilnox* bhala kagun immedjat tal-mewt "*taghmel riferenza ghax-xhieda ta' Dr. Michael Sammut a fol. 177 sa 182 fejn gie stabbilit bla ebda tlaqliq illi 1 to 2 tablets ta' Stilnox 10 mg ghall-pazjenta ta' aktar minn 65 sena hija 'within therapeutic levels'....Id-doza fil-bidu ta' treatment ta' Stilnox mhix nofs tablet u li l-1/2 tablet li jidher a fol 143 fl-insert giet misinterpretata mill-familjari Briffa kompletament, u li l-istroke bejn in-numri 1 u 2 tfisser "to" u mhux "half*."

Izda dan mhux il-kaz peress li mill-provi kollha jirrizulta kemm mill-'insert' tal-medicinali Stilnox, kif ukoll mix-xhieda tat-Tabiba Pace, li d-*daily dose*, m'ghandux jeccedi *one tablet,* liema struzzjoni tikkontradixxi l-konkluzjoni li d-doza fil-bidu tista'  tkun '1 to 2 tablets'.

B'danakollu din il-Qorti mhix qed tpoggi f'dubju l-konkluzjoni ahhari tal-inkjesta li wieznet l-evidenza u rapporti tal-esperti forensici inkarigati fil-kaz, imma tajjeb li jigi stabbilit minn issa minghajr ekwivoku li l-parametru normali ta' dozagg huwa <u>*tablet* wahda kuljum.</u>

Tajjeb ukoll li ssir riferenza ghall-osservazzjoni tal-Espert Dr. Joseph Micallef Stafrace (fol.700 tal-process) fejn jistaqsi "*Jekk Mrs Briffa telghet fuq il-banketta, allura mod iehor. Imma l-banketta ghal gurnali qieghda hemm biex titla' fuqha? Hu <u>prevedibbli</u> li wiehed jahseb li xi hadd ser jitla' fuq banketta u joqghod jixxabbat ghal barra? Hawn si tratta ta' mara anzjana 'trankwilla' u mhux ta' tfal, li anke jekk mhux notorjament imqarqca qatt ma tista' tafdahom."*

L-Espert jirreferi ghall-ipotesi sollevata mill-Maggur Briffa li "*hi hasbet li sejra fil-bathroom u xxabtet biex tiftah il-bieb u kienet it-tieqa"* u jikkonkludi li dan hu *"far fetched. Kif setghet qatt Mrs. Briffa tinjora l-barriera tal-gholi tal-hogor tat-tieqa, ta' 82 cm, u l-wisa' tal-hogor ta' intier ta' 62 cm u tahsibha li qed tipprova tiftah bieb ta' bathroom. Dan minkejja n-nuqqas ta' dawl li minnu kienet tbati. Hi kienet imdorrija b'dan in-nuqqas ta' dawl u kienet imdorrija tghelbu u tinnaviga bih b'kollox."*

Dwar dawn l-osservazzjonijiet, din il-Qorti m'hi xejn obbligata li taghmilhom taghha. Dawn saru fl-ambitu ta' investigazzjoni ta' responsabbilta' penali, fi proceduri allura distinti minn dawn odjerni. Izda l-punt dwar prevedibbilta' tal-azzjoni tad-*decujus* ghandu rilevanza anke fl-isfond ta' proceduri ghar-responsabbilta` civili u l-Qorti trid bilfors tistaqsi l-istess domanda.

Ma dan izzid domanda ohra: Tenut kont li Lilian Briffa ma kinetx depressa u lanqas mignuna, ghalfejn telghet fuq il-hogor tat-tieqa? Setghet ixxabtet biss biex tpejjep (u dwar it-tipjip l-esponenti ser taghmel riferenza ghar-rapport tossikologiku iktar ‘il quddiem). Dan l-agir mhuwiex mistenni minn mara anzjana, u *di piu'* nieqsa mid-dawl f'ghajn wahda, *multo magis* matul il-lejl, meta lanqas ma xelghet id-dawl fil-kamra taghha. X'gieghlha titla' fuq il-hogor tat-tieqa? *Inoltre* wiehed ma jistax jinsa li biss saghtejn qabel kienet ingeriet pillola tal-irqad li minn dak kollu li rrizulta, kien id-doppju tad-dosagg li normalment ghandu jinghata bhala l-ewwel doza lill-persuna li qabzet l-eta ta' 65 sena. Bilfors kienet ghadha taht l-effetti tal-istilnox. L-abbli difensur tal-atturi jsostni li kienet fi stat mentali alterat minhabba din il-pillola, haga li hija facli li tallegaha izda difficli biex tippruvaha.

**Ir-Rapport Tossikologiku (DOK.MS1 a fol. 307)**

Dan ir-rapport huwa, fil-fehma tal-Qorti, sinifikanti fil-process ta' evalwazzjoni tar-responsabbilta' civili *o meno* tal-konvenuti.

Dan ir-rapport gie redatt mit-**Tabib Michael Sammut**. Minn dan jirrizulta li l-livell ta' Zolpidem (l-ingredient attiv tal-i*Stilnox*) li sab fid-demm kien ta' 50 ug/L. Skont dan ir-rapport:

*I. "Zolpidem which is the active ingredient in the sleep inducing medicinal* ***Stilnox*** *is relatively fast acting where maximum peak concentrations are reached in about one or two hours. The half life varies between 1.4 and 1.5 hours depending on the health status of the individual particularly the liver and kidney functions as these are the*

*main routes of elimination of the drug. Furthermore the manufacturers in their instructions on the use of the sleeping drug warns that:"*

***"In cases of nocturnal rising, after taking a sleep-inducing drug, there is a possibility of:***

- ***delayed reaction with risks to falls***
- ***sensation of vertigo***

***In patients aged over 65 years: start the treatment by 1/2 (one half not[3] one-to two) immediately before going to bed. The dosage should not exceed one tablet (10mg) daily."*** *(enfasi fir-rapport).*

*II.* ***Nicotine:***

***"Traces of nicotine were detected in the blood. Cotinine the major metabolic of nicotine was not detected in the blood and neither Nicotine nor cotinine were detected in urine.*** *(enfasi tar-rapport) These findings indicate that the deceased had not smoked for at least a number of days thus resulting in the clearance of cotinine from the body and possibly had started smoking just before death without there being enough time (usually minutes) for nicotine to start to metabolize to cotinine." (enfasi tal-Qorti).*

It-**Tabib Michael Sammut** xehed quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta[4]. Qal li l-livell ta' Zolpidem kienu "*therapeutic levels*" u qal li pprova l-medicinali *Stilnox* fuqu innifsu. Spjega l-effetti hekk:

"*Fuqi nnifsi meta hadt one tablet u hadtha isfel qabel ma tlajt fuq, hadtha xi 'roughly' about 15 to 20 minutes. Is-sensation kienet li jien nipprova nitla' t-tarag mohhi qed jghidli itla' t-tarag imma saqajja mhux qeghdin hemm literally. I mean you are trying to go up but you do not feel your legs within about twenty minutes."* Ghalhekk suppost

[3] Notament tal-Qorti
[4] Seduta tal-15 ta' Mejju 2003 a fol. 368 et.seq.

tehodhom meta tkun fis-sodda jew taf int, tehodha u torqod mhux timxi.

Riferibbilment ghall-konkluzjoni rapportat dwar it-tipjip, qal li l-possibbilta' li d-*decujus* ma kenitx qed tpejjep hi, imma kellha tracci ta' nikotina minhabba *passive smoking* kien *far fetched.*

**Autopsy Report** (Fol. 269)

Minn dan jirrizulta li Lilian Briffa kienet ta' tul 149cm. Il-kagun tal-mewt hu mnizzel bhala "*ruptured heart and multiple internal injuries due to a fall from a height."*

**Xehed l-Ispettur Joseph Cordina** (fol 164). Mill-indagni li ghamel sab li Lilian Briffa kienet amessa bhala pazjenta fl-Isptar ghall-*chest infection* li ma kenitx ta' natura gravi u kellha tigi '*discharged*' dalwaqt. Sab li kienet talbet hi stess dak il-lejl u anke fil-lejl ta' qabel biex it-tieqa tinzamm miftuha peress li kienet qed thossha maghluqa u ma kenitx qed tiehu nifs sewwa.

Gie stabbilit ukoll li n-*nursing staff* kienu dahlu fil-kamra taghha diversi drabi f'dik il-lejla. L-ahhar kienet Elizabeth Sarsero ghal habta ta' 11.30pm u sabitha rieqda. Imbaghad meta regghet marret xi 30 minuta wara ma sabithiex fil-kamra. Talbet l-ghanuna ta' kollega u fittxewha fil-*ward* u fil-*floor*. Imbaghad harset mit-tieqa u ratha fl-art.

It-tieqa tinfetah ghal barra. Qal li "*fit-tfittxija li saret fil-kamra la sibna sigaretti u lanqas sibna lighters...u lanqas fil-grounds fejn waqghet*". Dan gie kkoroborat mis-**Surgent Carmelo Costa (**xhieda a fol. 188 et seq.)

In **kontro-ezami** qal*: "Kif iddiskrevewha l-familjari taghha ma kenitx persuna li kienet pjuttost 'agile' jghid li kien facli li titla' bilqeghda, jekk dejjem dik il-banketta li ahna ahna sibna taht il-windowsill kienet hemmhekk*."

*"Li tixxabbat u teghleb ma nahsibx li hi facli ghaliex hemm il-fond - id-dobblu.."* Il-banketta kienet taht it-tieqa.

*"Mistoqsi: L-impressjoni tieghek kienet li kien hemm xi caqliq? Li xi hadd seta tela' fuq din il-banketta jew le? Risposta: Ma deherx li kien hemm le."*

**Xehed is-Surgent Carmelo Costa** li qal li meta dahal fil-kamra sab il-banketta n-naha tax-xellug tat-tieqa. Jidher mir-ritratti esebiti li t-tieqa tal-lemin kienet miftuha. It-tieqa kienet tinfetah bi tnejn (*two leaves*).

Xehdet **Josephine Zammit**[5] in-*nurse in charge* tal-Ward 1 fejn kienet rikoverata Lilian Briffa. Hi qalet li dahlet *duty* fil-lejl in kwistjoni ghas-7:00pm. Hadet *over* mid-'day nurses' u bdiet fis-7:30pm. Qalet li "*Ma hemmx policy rigward il-ftuh tat-twieqi. It-twieqi jinfethu as a patient's request... Ma dahhlitx lejn Lilian Briffa dakinhar....Ahna konna nahdmu bi patient allocation, ikolli ammont ta' pazjenti u niehu hsieb lilhom biss....Briffa kienet tiehu hsiebha Elizabeth Sarsero."* Kienu 12 pazjenti u kellhom allokazzjoni ta' 4 kull wiehed. "...*Min jistaqsina nifthu t-twieqi ghax ma kienx hemm raguni ghaliex ma jinfethux...kienet procedura normali li tieqa tinfetah fuq xewqa tal-pazjent.. F'kull kamra hemm banketta- hija 'footrest' - generalment ikun fejn l-armchair biex il-pazjent iqieghda fejn il-petruna hdejn it-tieqa."*

Dwar il-pillola *Stilnox*, t-*treatments* somministrati lill-pazjenti ikunu *countersigned* minn zewg *nurses* u Elizabeth Sarsero f'xi 10:00pm saqsietha biex ticcekkja t-*treatment* maghha. Hi qalet li l-pazjenta talbet lil Elizabeth Sarsero biex tiehu 'sleeping tablet'. It-tabiba ppreskriviet *Stilnox*, u wara li ccekkjaw it-*treatment* flimkien Sarsero marret taghtihielha. *"Ahna wahda ccekkjajna Stilnox. Qatt ma naghtu izjed minn wahda..Inkunu tnejn sakemm nippreparawh biss."*

Mic-*charts* esebiti (fol 210-215) jirrizulta li l-i*Stilnox* huwa miktub bhala *well required medication* cioe`, medicina li tista' tinghata f'kaz ta' bzonn. Il-pazjenta inghatat *<u>one</u> tablet* u tista' tiehu "*one tablet every night. It-tablet*

[5] Seduta tal-14 ta' Gunju 2002 a fol 237 et seq.

*inghatat fl-10:00pm minn Elizabeth Sarsero u countersigned minni ghax rajtha tohrogha minn posta."* Hi kienet certa li *tablet* wiehed gie somministrat ghaliex anke biex pazjenta tinghata panadol jenhtieg li jiccekkjaw lil xulxin. "*Il-cross checking bilfors isir ghaliex jien kont in charge, ic-cwievet ikunu fuqi u trid titlobni c-cwievet."*

**Hi qalet ukoll li** "*il-care plans kollha in order.. ic-chart tal-medicina hija shiha wkoll."*

*"Stilnox hija sleeping tablet. One dose hemm u hija hypnotic.... It-tabiba trid tordna d-doza. Gieli nnutat li fuq il-pakkett hemm li ghandha tinghata lil persuna ta' dik l-eta` one half tablet only* --- '*imma la t-tabiba ordnat 'one tablet' ma nistax ntiha nofsha jien'.. Kont naf li ta' 65 years half- tablet."* Regolarment jissoministraw l-i*Stilnox* lill-pazjenti u qatt ma nnutat *hallucinations* fihom "*assolutament xejn."*

Ma kenitx taf li fl-*instructions* hemm miktub li certi pazjenti jistghu ikollhom *hallucinations*.

L-Isptar huwa '*no smoking hospital.'* Skont ix xhud " *It-tieqa tinfetah 'il barra....It-tieqa ma tinfetahx fil-kaz biss li l-pazjent ma jkunx kaz mentali u l-konsulent jordna 'constant watch -24 hours bin-nurse'...it-tieqa tillokkja - jifthuhom in-nurses. Pazjenta ma tistax taqbad u tiftah."* In-nurse taghmel il-gudizzju hemmx raguni jew le biex tinfetah.

Mistoqsija dwar ir-'ratio' ta' *staff to patient allocation* fl-Isptar St. Philip's (1 *nurse* - 4 pazjenti) qalet li *"Dakinhar kienu ftit ' busy'. St Lukes kienu 30 pazjent ghall-3 nurses."*

Xehed **Dr. Steven Montfort** (fol 275). Rigward tat-tipjip tal-pazjenta qal "*niftakar li kienet tpejjep...jista' jkun li kien tnejn kuljum".*

Hu invistaha filghodu nhar it-3 ta' Ottubru. Qal li kienet giet riferita l-Isptar minn Dr. Jonathan Joslin minhabba li kellha infezzjoni fil-pulmun u kien jaraha kuljum. Il-

kondizzjoni taghha kienet tjiebet tant li kien ser jordna r-rilaxx taghha. Waqt ir-rikoveru taghha kienet qed tigi somministrata "*bronco dilators*" biex jiffacilitaw ir-respirazzjoni flimkien ma' antibiotici - *Salbutamol and Ipratopium Bromide.*

Ma dehritx nervuza jew anzjusa tant li ma ppreskriviex kalmanti *"..ma uriet ebda sinjal ta' depression."*

Riferibbilment ghall-i*Stilnox* ma kienx hu li ppreskrivieh. Dwar dan qal hekk : "*Jiena naf li l-imsemmija pilloli Stilnox huma mfissra fost ohrajn bhala medicinali ipnotici."* B'riferenza ghal **Dok.SM1** (*a fol 267)* - l-*information sheet* ta' din il-pillola, qal *"Ghar-rigward ta' persuni li jaqbzu certu eta' jien qed nara li hemm miktub u dik ninterpreta bhala nofs id-dozagg tal-etajiet l-ohrajn. Nispjega li fil-fehma tieghi dan 'il ghaliex aktar ma jkollox eta' inqas ikollok bzonn doza qawwija...Dwar kontra-indikazzjonijiet imnissla mill-istess medicinali Stilnox nikkonferma illi wahda mir-ragunijiet lis-sinjura Briffa ma kontx ippreskrivejtilha dawk il-medicini kienet il-pozizzjoni tal-problemi respiratorji illi hija kellha u li ghalhekk kienu kontro-produttivi kieku jien tajtha l-iStilnox....Is-sinjura ma kellhiex 'sleep apnea' imma kellha chronic obstructive airway disease*."

**In Kontro-Ezami** qal li persuna li tbati minn *respiratory failure* tista' minn jeddha jew wahidha tohrog mis-sodda timxi xi passi, tigbed banketta, tiftah tieqa, tittawwal u taqa' minnha "*Jiddependi hafna l-istat ta' respiratory failure. Hemm cirkostanzi fejn persuna timxi ftit u tithawwad u hemm cirkostanzi fejn tista' taghmel izjed...Li nista' nghid pero' dwar is-sinjura Briffa hi li sakemm jiena rajtha filghodu fit-3 ta' Ottubru tal-1999 ma kellhiex jew ma kenitx fi stat ta' respiratory failure. Dak il-hin li nqala' l-incident ma kontx maghha u allura ma nistax nigi mitlub nixhed dwar x'kienet ghaddejja minnu dak il-hin. Ma nistax lanqas neskludi illi fil-mument tal-incident hija kellha respiratory failure*...*Dakinhar filghodu fit-3 ta' Ottubru 1999 setghet anke titlaq tigri fil-kurudur."*

Mistoqsi jekk fil-manzjoni ta' tabib qattx gie a konoxxenza jekk persuna li tiehu pillola *Stilnox* u jkollha nfezzjoni fil-pulmun ikollhiex effetti alluncinanti u/jew disturbattivi li ma tkunx taf x'qed taghmel u li jew iwassluha biex taghmel affarijiet barra minn normal[6] "*jien inwiegeb illi naf li jista' jkun iva f'pilloli fil-klassi tal-iStilnox....Meta jien irreferejt ghal klassi ta' medicini kont qed nirreferi ghal generu tal-medicini li jitqiesu bhala ipnotici. Fi kliem iehor qed nirreferi ghal pilloli li jinduci l-irqad." Inoltre* qal li fl-esperjenza tieghu uza l-i*Stilnox* rarament u ssomministra dozagg ta' milligramm - *tablet* wahda." *Id-dozagg li jipprovoka allucinazzjoni jiddependi mill-kostituzzjoni tal-persuna li tkun qieghda tinghata dik il-pillola, sitwazzjoni medika u s-sitwazzjoni mentali tieghu."*

Xehdet **Agnes Bezzina** *(a fol 296* li kienet '*part time' nurse* fl-Isptar fil-lejl tal-incident. Qalet li kellha 5 pazjenti fil-kura taghha fuq il-*ward* li ma inkludewx illi Lilian Briffa. Hi kkonsidrat li l-i*Stilnox* kienet medicina normali. Ikkonfermat ukoll li certu medicinali jirrikjedu *cross-checking* minn zewg membri tal-i*staff*. Qalet ukoll li "*It-tabib kuranti jkun jaf x'ikun qed jigi somministrat lill pazjent...jikteb hu stess fuq it-'treatment card' il-medicinali li jippreskrivi u d-dosage."*

Xehed it-**Tabib Mediku Jonathan Joslyn** (a fol 348) li kien it-tabib tal-pazjenta ghall-ahhar 8-10 snin. Kien hu li rreferiha l-Isptar fil-bidu ta' Ottubru. Kienet fuq 'ventolin' li hu 'bronco dilator'.

Riferibbilment ghall-i*Stilnox* qal "*Jien personalment qatt ma tajtulha...qatt ma kelli raguni naghtiha. Jekk kelli naghtihielha, I would have to gauge kif inhi r-respiratory status taghha, jekk hija r-respiratory status taghha bronchitis mhuwiex ikkontrollat, jien personally ma kontx naghtihielha. Jekk hija 100% fieqet min-naha tal-asthma u m'ghandhiex sintomi ta' 'respiratory problems' hemm ragunijiet li nista' nuzahielha. Jien personalment qatt ma uzajtilha fil-practise tieghi."*

[6] Mistoqsija verbalizzata f fol. 274 tal-process fis-seduta tas-6 ta' Frar 2003.

Xehed ukoll it-**Tabib Mario Scerri** (fol 399) specjalista fil-medicina forensika u li kien mahtur mill-Magistrat Inkwirenti biex jinvestiga l-kaz forensikament. Qal li l-i*Stilnox* mhix medicina li tittiehed regolarment u hu jistenna li jsibha taht il-lista ta' medicina *when required. "Stilnox hija droga li tinduci l-irqad."* Minn ezami tad-dokument a fol 218 ikkonkluda li Lilian Briffa kienet ukoll qed issofri minn *tachichardia* - li jfisser li tigrilha qalbha. Qal li "*Il-qalb tista' tigri wkoll anke meta jkollha d-deni, jigifieri bid-deni li kellha".* Skont dak imnizzel a fol 220 "*l-iStilnox kellu jittiehed f'doza ta' one daily, route PO, orali jigifieri, u ffirmata mit-tabib u d-data ta' meta giet ordnata li kienet it-3 ta' Ottubru 1999." ...."Imbaghad fl-istess dokument hemm indikat id-data meta giet somministrata...,,ghaliex kull meta taghti suppost tikteb meta tajtha, il-hin li tajtha, id-doza li tajtha, u tiffirma min ta*... *Id-doza kienet ta' one tablet -"one out of one...Stilnox instructions kienu one daily nocte, via orali, firma tat-tabib u d-data...Hi inghatat Stilnox on the 3rd fl-10:00pm. tablet wahda."* Jekk giet somministrata *Stilnox* ohra fuq it-*treatment chart* mhix imnizzla."

Hu kompla jixhed: "*Ir-ricetta ta' 'one nocte PRN kienet tat-Tabib, qisek ghandek 'open cheque' li 'one daily PRN' ittiha pillola. Pero` xi hadd irid jikteb li ta pillola."*

*"Ma hemmx ghalfejn li jigi infurmat il-konsulent ghal kull haga - ghalhekk ikun hemm 'resident medical officer' kwalifikat."*

Xehed **Dr. Frank Portelli** (fol 461**)** u qal li l-*file* originali kkunensjawh lil pulizija u ma regax gie ghandhom. Qal ukoll li 'defibrillators' ikunu normalment sitwati barra l-kamra fejn kienet il-pazjenta u *r-resuscitation trolley* qieghed *within two seconds* minn kull kamra.

Spjega l-*policy* tal-Isptar rigward ftuh ta' twieqi fil-kmamar tal-pazjenti. Qal li huma ghandhom sistema ta' arja li hija *pressurized* u ffiltrata kif ukoll *airconditioning system,* u *double glazing.* It-twieqi ghalhekk huma normalment maghluqin. "*Pero` l-isptar mhuwiex habs..jekk pazjent jitlobna nifthulu t-tieqa u ahna ma narawx raguni valida*

*ghaliex ghandna nirrifjutaw li nifthulu tieqa, allura ngibu c-cavetta li tkun biss ghand in-nurse fl-istation taghha u tigi tiftahlek."*

Rigward l-i*Stilnox* qal li kien ilu jintuza ghal kwart ta' seklu u tant kien konsiderat 'safe' li f'Ottubru 1999 ma kienx hemm bzonn 'green prescription form', jigifieri setghet tinkiseb b'prescription ordinarja...traqqdek ghal sieghat qosra... Hyponotic ifisser li huwa biex iraqqdek."

Xehdet **Carmen Cannataci** (fol 495) in subizzjoni u konfermat li kienet fil-'unit' taghha fil-'maternity ward' ta' St Philip's Hospital fil-lejl tal-incident. F'hin minnhom Josephine Zammit saqsietha biex tghinhom ifittxu pazjenta. Hi talbet ghajnuna ta' tabiba, li kienet Dr. Mirabelle Camilleri llum Pace. Hargu fil-gnien u sabu lil Lilian Briffa taht it-tieqa.

Xehdet **Dr. Mirabelle Pace nee Camilleri** (fol 522) u qalet li rat lil Lilian Briffa darba wahda biss fl-10.00pm fit-3 ta' Ottubru peress li d-*duty nurse* qaltilha li riedet *sleeping pill.* Hi dahlet tkellimha u sabitha bilqeghda qed taqra xi rivista. "*Jien iccekkjajt il-pagella medika taghha u ppreskrivejtilha sleeping tablet. ..Meta kellimtni talbitni sleeping tablet. ..Kellha t-television tal-kamra mixghul. Jien ghazilt l-ghamla tal-pill."*

Hi xehdet ukoll:

*"Meta rajt il-pagella medika tas-sinjura Briffa kont tajt kaz ukoll ta' xi medicinali ohra li setghu gew preskritti qabel u mnizzla fl-istess pagella."*

*"Id-dokument a fol. 214 huwa 'nurses report' ..idealment nara t-treatment chart li t-tobba jikkomunikaw bejniethom ma' xulxin ghaliex dak jaghtini taghrif aktar specifiku skont il-professjoni tieghi."*

Ikkonfermat li fit-3 ta' Ottubru 1999 fl-10.00pm Lilian Briffa inghatat pillola wahda ta' *Stilnox*. Dwar dan qalet "*Jien midhla mhux hazin mal-iStilnox fis-sens li dawn it-tip ta' medicinali f'dik l-epoka u kemm kien ili li gradwajt bhala*

*tabiba kont nuzaha regolarment u nippreskrivija lill-pazjenti tieghi. Jien kont naf anke dak iz-zmien illi ppreskrivejt l-iStilnox lis-Sinjura Briffa li komponent ewlieni taghha hija z-Zolpidem. L-iStilnox hija klassifikata bhala medicinali ipnotiku."*

Hi qalet li l-i*Stilnox* ghandu jigi somministrat b'attenzjoni lil persuni li fosthom ghandhom *respiratory failure*, prattikament dawk li jkunu b'makkinarju li jghin lir-respirazzjoni. Il-Ventolin gie preskritt lill-pazjenta minn haddiehor. Skont it-tabiba, dan hu ndikat ghal persuni li jintlaqtu bl-*asthma*, indipendentement mill-eta`, u persuni li jaqghu taht *obstructive airway disease patients*. "*Jiena nghid li fil-kaz tas-Sinjura Briffa ma kenitx persuna asmatika imma dahhlet l-Isptar minhabba bronkite. Normalment f'kazijiet bhal dawn jintuza Ventolin...Bronchitis ma jikkostitix f'respiratory failure. Nikkonferma li bronchitis hija problema respiratorja u tista' twassal ghal respiratory failure."*

Dwar il-kostatazzjoni taghha fuq Lilian Briffa qalet hekk:

"*Sakemm jiena, sa dak il-hin li rajt lis-Sinjura Briffa, fit-3 ta' Ottubru 1999 ma kelliex zgur respiratory failure..ma kienx hemm sinjali ta' respiratory failure li kienet qed toqrob.... Jien kont dhalt inkellimha wicc imbwicc, rajt il-'parameters' taghha illi kienu qeghdin jittiehdu regolarment ....u dehret orjentata."* Kienet taf li Briffa kienet fuq *ventolin nebulisor* qabel ippreskriviet l-i*Stilnox*. "*Il-Ventolin mhuwiex kontra indikat ghal iStilnox u vice versa."*

Dwar id-dokument a fol. 267 li juri l-*contra-indications* u dozagg tal-i*Stilnox* qalet li "*dan id-dokument hu intiz ghal min jissoministra l-medicina ghalih innifsu fis-sens indikazzjonijiet ghal pazjent...il-manufattur jindika l-uzu ta' nofs pillola biex il-persuna illi tiehu dik il-medicinali ma torqodx iktar milli hemm bzonn jew inkella peress li tkun qabzet id-doza rakkommandata thossha sturduta meta tigi biex tqum."* Kienet taf li Briffa kellha over 70 sena meta ppreskrivitilha *Stilnox*. U qalet *"Jiena nghid li bqajt fil-limiti tad-doza preskrivibbli peress li kont naf li s-Sinjura Briffa kienet ser tkun fl-isptar taht kura sorveljatha. Ma ghamilt*

*ebda rakkommandazzjoni ohra ghax kont naf li kienet sorveljata. Ma tajt l-ebda rakkomandazzjoni dwar it-tieqa tal-kamra tas-Sinjura Briffa."*

Riferibbilment ghal dak indikat fuq id-dokument a fol. 214 fejn hemm registrati *fainting episodes* (fit-3/10/1999) qalet li it-tabib li kien raha ma sabilha xejn hazin. *Inoltre* ladarba t- tabib kien raha, kienet issorveljata kontinwament u fl-istat li kienet meta ratha, dawn ma kienux ta' preokkupazzjoni.

Xehdet **Elizabeth Sarsero** (fol .536**)** *in charge* tal-pazjenta Lilian Briffa fil-lejl tal-incident. Hi qalet li "*Id-dokument a fol. 214 huwa nursing report. Ma kienx l-ewwel darba li ssoministrat Stilnox. Bhala nurse ma tidholx fis-side effects ta' medicini."*

Qalet li meta dahlet fil-kamra, il-banketta kienet hdejn il-bieb mhux taht it-tieqa. Dwar din hi qalet *"ma hadt l-ebda prekawzjoni biex il-banketta ma titqieghedx taht it-tieqa. Jiena m'ghaddilix minn mohhi li persuna li tkun hadet l-iStilnox bhas-Sinjura Briffa, it-tieqa miftuha setghet tipperikolaha.....L-effett tal-iStilnox hu li jraqqad lin-nies. Il-vista ta' Lilian Briffa kienet partial....Ma nistax nghid li kienet chain smoker."*

Hi xehdet li fil-lejl tal-incident dahlet kull nofs siegha u t-8 jew 10 darbiet li dahlet il-pazjenta ma kinetx qed turi sinjali ta' allucinazzjonijiet. Hi kienet kellmitha fl-10.00pm u meta regghet dahlet, sabitha rieqda.

**(i) RESPONSABBILTA`.**

Kif jghidu l-atturi, "*il-bazi tal-azzjoni hija r-responsabbilta' li ghandhom il-konvenuti meta huma gew fdati bil-kura tal-imsemmija Lilian Briffa, f'St Philip's Hospital.*[7]*"*

Biex taghmel analizi tar-responsabbilta' *o meno* tal-konvenuti ghall-mewta tragika ta' Lilian Briffa, il-Qorti

[7] Nota ta' sottomisjsonijiet a fol. 726 et.seq. tal-process.

ghandha fl-ewwel lok, tiddetermina t-tip ta' relazzjoni guridika li giet imwaqqfa bejnha u l-konvenuti rispettivi.

Indubbjament is-socjeta' *Golden Shepherd Group Limited*, in kwantu li tiggestixxi l-Isptar privat fejn sehh l-akkadut, kienet f'rapport kontrattwali mal-pazjenta taghha u ghaldaqstant obbligata li tipprovdi ghall-kura u ghas-sigurta` tal-pazjenti taghha sal-grad rikjest bil-Ligi abbazi tal-kuntratt in forza bejnha u l-pazjenta hemm rikoverata. Ghal dan il-ghan twiegeb ukoll ghan-nuqqasijiet (*acts or omissions)* tal-impjegati u persuni kkuntrattati jew inkarigati minnha biex joffru servizzi ta' kura fl-Isptar kommessi fil-kors tal-adempiment ta' xogholhom, u dan ghaliex jifformaw parti mill-prestazzjonijiet li hi ggarantiet fil-kuntratt ta' servizz.

Skond l-insenjament iktar recenti mill-Qorti tal-Appell fil-kaz "***Rose Gauci et. -v- Mr. Donalf Felice et."-****dec.* fit-8 ta' Ottubru 1999 (Kawza ta' Ritrattazzjoni): *"Ghalkemm, .. il-posizzjoni hawn Malta giet ezaminata fil-kuntest tar-regoli ta' kwazi delitt, din il-Qorti hija tal-fehma li jkun aktar logiku li r-relazzjoni bejn pazjent u tabib tigi ezaminata fil-kuntest ta' kuntratt. Hu veru li kuntratt jehtieg il-kunsens ta' zewg partijiet, izda hu veru wkoll li dan il-kunsens jista' jkun tacitu, u anki implicitu, basta tkun tezisti l-volonta` fil-partijiet li jassumu l-obbligazzjonijiet fil-konfront ta' xulxin. Meta pazjent jersaq lejn tabib anke jekk dan it-tabib ikun imhallas mill-Gvern biex ikun ghas-servizz tal-poplu, dak il-pazjent ikun qed ipoggi l-bzonnijiet tieghu f'idejn dak it-tabib u meta t-tabib jaccetta li jaghti s-serviz tieghu, ikun qed jintrabat fil-konfront ta' dak il-pazjent – li jaqdi d-doveri tieghu skond l-ahjar hila tieghu....* kompetenti minnu f'dik il-materja, u dan l-istess bhal kull tabib privat. Meta tabib, avolja impjegat, jaccetta li jikkura pazjent, jidhol f'relazzjoni diretta mieghu, relazzjoni kuntrattwali li tista' twassal ghall-hlas tad-danni f'kaz ta'inadempjenza. "

Riferibbilment ghall-infermiera Sarsero u Cannataci il-Qorti ma tistax tapplika dan l-insenjament peress li dawn agixxew purament fil-vesti taghhom ta' impjegati tal-Isptar u ma hemmx relazzjoni diretta bejnhom u l-pazjenti. Izda l-atturi jistghu jezercitaw azzjoni diretta *aquiliana* kontra

dawn il-konvenuti talli jkunu naqsu mid-dmirijiethom u dan skont il-principju generali ta' *neminem laedere.*

Illi f'dan il-kuntest difatti jinghad li huwa pacifiku illi r-responsabbilta` ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha u, dan skont il-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti. Fis-sentenza fl-ismijiet **"Vassallo vs Mizzi et"** (P.A. - 9 ta' April 1949 **(Vol. XXX111.ii.379)** il-Qorti kkunsidrat illi *"l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita' taghha hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunament imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejnitehom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel 'ex nunc'. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilta` fis-sens illi fil-kolpa kuntrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa, skont il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilta` testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad."*

Izda kontrarjament ghal dak ritenut f'din l-ahhar decizjoni, iccitata mill-atturi, fil-fehma tal-Qorti, il-grad ta' kolpa rikjest mil-legislatur Malti huwa l-istess, sia ghal *culpa contrattuale, sia* ghal *culpa aquiliana.* Kif gie ribadit fil-kaz "***Gaetano Spiteri pro et noe v Thomas sive Tom** Castle" (*P.A. per On.Imh. Maurice Caruana Curran - dec. fit-18 ta' Awwissu 1965 "*il-grad tal-kolpa tant f'kaz kemm f'iehor kien minn dejjem l-istess (cf art 1175(1) u 1075), cioe' dak il-grad ta' colpa li jonqos mill-istandard ta' diligenza tal-'bonus paterfamilias' a differenza mil-ligi taljana li biss bil-Kodici tal-1942 abbandunat il-kuncett tad-dritt Roman li in lege aquilia et levissima culpa venit."*

B'dan ma jfissirx li ma hemmx distinzjonijiet ohra li japplikaw fis-sistema legali taghna bejn dawn iz-zewg tipi ta' responsabbilta`. Gie ritenut infatti li ghandhom differenzi bejniethom fosthom – (i) l-oneru tal-prova; (ii) l-effetti guridici; u (iii) it-terminu *entro* liema l-azzjoni ghad-danni, *nascenti* mit-tip ta' responsabbilta' specifika, ghandha tigi istitwita.

Fil-kaz ta’ azzjoni ghad-danni *nascenti* mir-responsabbilta’ kontrattwali l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-ezekuzzjoni ta’ dik l-obbligazzjoni fil-konfront tal-istess attur. F’din it-tip ta’ azzjoni huwa l-konvenut li ghandu oneru ta’ prova iktar difficli impost fuqu, *stante* li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza *se mai* irrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll.

Fil-kaz ta’ azzjoni ghad-danni *nascenti* mir-responsabbilta` *extra-contrattuale* huwa l-attur li ghandu oneru ta’ prova iktar difficli impost fuqu ghaliex f’tali kaz huwa jrid jipprova n-*nexus* bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert.[8]

Riferibbilment ghall-grad ta' kolpa mfisser *ai termini* tal-**artikolu 1032(1) tal-Kap 16** u cioe` li *“jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta’ missier tajjeb ta’ familja”,* issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Biagio Muscat vs Anthony Falzon** deciza mill-Qorti tal-Appelli (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta’ Mejju 2003 fejn inghad li :-

*“Il-Kodici taghna ma jipprovdi l-ebda definizzjoni tal-"kolpa". B'danakollu ma jonqosx milli jippreciza li "jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (Art 1032 (1), Kodici Civili). Dan ragjonevolment ifisser illi wiehed jehtieg jikkollega l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mar-rekwizit tal-prevedibbilta` tal-event dannuz. "Prevedibbilta` din li trid tkun ta' probabbiltajiet ragjonevoli u mhux ta' possibbiltajiet remotissimi u inverosimili".*

[8] Ara f'dan il-kuntest is-sentenza fl-ismijiet "**L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino noe v Angelo Xuereb noe et."** (P.A. (T.M). - dec. fit-3 ta' Lulju 2003).

U fl-ahhar nett, kif gie ritenut fis-sentenza wara l-kawza fl-ismijiet "**Arthur George Lambert et vs Anthony Buttigieg pro et noe et** (fejn Buttigieg kien lukandier), deciza fit-18 ta' April 1963 – **(Vol. XLVII.III.1110)** "*ma hemm xejn inkompatibbli bejn responsabbilta` kontrattwali u htija aquiliana ... jista' jkun hemm materja ta' delitt jew kwazi delitt anke f'materja ta' obbligazzjonijiet konvenzjonali; f'liema ipotezi l-parti lesa jista' jkollha zewg azzjonijiet – dik nascenti minn htija contrattuale u dik nascenti minn htija extra contrattuale.*"

**Ness ta' Kawzalita`**

Huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna li "*min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti*" **(XXX p III p 1429).** L-eccezzjoni ghal din ir-regola tirrisjedi fejn il-kaz jirrapprezenta ruhu bhala *res ipsa loquitur,* fejn l-att fih innifsu huwa manifestazzjoni ta' azzjoni kolpuza, u f'tali kaz, l-*onere* tal-prova jinkombi fuq il-konvenut biex jeskolpa ruhu.

Riferibbilment ghan-ness ta' kawzalita`, ta' rilevanza huwa dak rapportat f'*Halsbury's Laws of England*[9] fis-sens li "*A negligent act may be an effective cause of an injury though it is not proximate in time, if it forms part of a chain of events which has in fact led to the injury. In the absence of intervention by voluntary human action, the original act is to be regarded as a cause of the injury, provided that its effect is actively continuing and has not been superseded by some independent natural cause. Human action not fully responsible such as that of a child, or a person in a state of illness, or excusable alarm for himself or for another, does not normally break the chain of causation.*"

**ii) Responsabbilta` Professjonali fil-Kamp ta' Kura Medika**

---

[9] Vol. 28 p 28 fis-sezzjoni li tittratta dwar Negligenza.

Ikun utili f'dan l-istadju li l-Qorti tissottolineja l-gurisprudenza lokali fir-rigward tas-suggett ta' responsabbilta` medika. Il-Kodici Civili ma jipprovdi ebda norma specjali fir-rigward tal-professjoni medika u ghalhekk japplikaw il-principji generali fuq riferiti tad-dritt civili (**Art.1031 sa 1033 tal-Kap.16**).

Qed issir riferenza ghas-sentenza fil-kaz "**Carmen *sive* Charmaine Ebejer -v- Dr. Ivan Vella et**." **-** P.A. (M.C.) dec. fit-30 ta' April 2013, fejn il-Qorti ssiltet il-gurisprudenza lokali dwar is-suggett in materja. Il-Qorti f'dik is-sentenza, iccitat il-*Laurent*[10] li jghid "*Il danno e' sempre sventuratamente troppo certo in coteste deplorevoli controversie; quanto al colpa, il tribunale dovra apprezzarla'.....non perdendo mai di vista quell'principio fondamentale che deve sempre servigli di guida, val dire che per aversi responsabbilita' professionale fa' d'uopo che taluna abbia commesso una colpa, non usando la voluta vigilanza sopra se medesimo o sui propri atti o dando prova di una ignoranza imperdonabile nell'esercizio della sua professione;spetta ai tribunali applicare questa massima con discernimento, lasciando all scienza tutta la latitudine che si deve, ma accordando dei pari alla gustizia e al diritto tutto quanto loro appartiene."*

Kif gie stabbilit fil-kaz fl-ismijiet "**Victor Savona pro et noe -v- Dr. Peter Asphar" - A.C.** dec. fit-2 ta' April 1951, il- professjonist m'ghandux iwiegeb ghal kull zball. F'dik is-sentenza l-Qorti qalet li "*Il-professjonista ma hux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali, ammenokke' dan l-izball ma jkunx grossolan, u ammenoke' il-htija ma tkunx tista' tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza, diligenza u attenzjoni ta' 'bonus paterfamilias'."* U kompliet "*jekk l-izball jiehdu (kirurgu) ghaliex ma jkunx ezamina l-kaz kif imissu, u l-ezami jsir b'negligenza, allura huwa responsabbli ghall-konsegwenzi tal-izball tieghu."*

[10] "*Principio di Diritto Civile XX. para. 516 pg. 422.*

*"Dwar il-grad ta' diligenza li professjonist bhat-tabib ghandu juza, il-gurisprudenza estera hija konkordi li mhux mistenni mit-tabib grad gholi ta' diligenza, izda dik normali li wiehed jistenna minn professjonist tal-affari tieghu. Dak li hu mistenni minn tabib hu li jzomm ruhu aggornat bl-avvanza tal-medicina, u fil-kaz konkret, li jkollu quddiemu, jezercita d-diligenza li professjonist ordinarju bhat-tabib in kwistjoni kien jezercita. It-test hu necessarjament oggettiv, fis-sens li wiehed ghandu jara kif kien jezercita l-mezzi tieghu professjonist normali, bid-'degree of skill' li suppost ghandu t-tabib partikolari; pero' darba determinat dan il-livell, it-tabib ikun mistenni li jaqdi dmiru skont l-'accepted standard practice'. Il-fatt li t-tabib inzerta f'dik l-okkazzjoni, li kellu hafna xoghol, u kien ghajjien, bl-ebda mod ma tnaqqas mid-drittijiet tal-pazjent." (**"Rose Gauci et. -v- Mr. Donald Felice et." -** App.Civ. – dec. fil-31 ta' Ottubru 2008).*

Il-Qrati taghna jaghmlu riferenza ghall-*Bolam Case* ("Bolam v. Friern H.M.C." (1957 W.L.R. 582) fejn il-Qorti qalet: *"The test is the standard of the ordinary skilled man exercising and professing to have that special skill; it is well established law that it is sufficient if he exercises the ordinary skill of an ordinary competent man exercising that particular art."*

U rigward il-grad ta' prova rikjesta, kif gie ccitat fil-kaz ***"Tessie Ellul et. vs. Dr. Astrid Camilleri"*** *(App.Civ. - dec. fit-28 ta' Mejju 2010, "A charge of professional negligence against a medical man was serious....The consequences were far more serious. It affected his professional status and reputation. The burden of proof was correspondingly greater. As the charge was so grave so should the proof be clear."*

Riferibbilment ghar-responsabbilta' ta' Sptar, il-gurisprudenza taghna ma tistabilixxix linja gwida ghajr ghall-applikazzjoni tal-principi generali stabbiliti mil-Ligi, senjatament l-artikolu 1032 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta fuq citat. Dan gie trattat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta filkawza fl-ismijiet ***"Emmanuel Sammut u martu Maryanne Sammut -v- CGMO et. -*** *PA(RCP) dec.*

*fit-12/12/2002.* Il-Qorti applikat il-principju ta' responsabbilta' ghall-*culpa in eligendo/vigilando,* liema kuncett gie "*gie estiz fil-gurisprudenza nostrali mhux biss ghall-mument meta l-istess persuna tigi ngaggata, izda ifisser ukoll li l-persuna li tinkariga persuna ohra li taghmel xi xoghol, tibqa' hija responsabbli wkoll jekk dik il-persuna li effettivament hadmet taht inkarigu taghha tkun ghamlet ix-xoghol b'negligenza u nuqqas ta' hila skont id-dispozizzjonijiet fuq citati u l-***artikolu 1037 tal-Kap 16."**

Illi fi kliem iehor japplika dak li gie ritenut fis-sentenza **"Tabib Joseph R. Grech vs Kummissarju tal-Pulizija"** (A.C. (HH) l-1 ta' Marzu 1988) fejn inghad li *"kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila jew illi ma jkollux hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba nuqqas ta' hila taghmel dannu lill-haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz fuq imsemmi",* b'dan li l-konvenuti ghandhom jirrispondu ghall-inkompetenza u negligenza tal-addetti u impjegati taghhom, u ghalhekk huma responsabbli wkoll ghad-danni kawzati lill-attrici. Tal-istess portata hija s-sentenza **"Naudi vs Schembri"** (A.K. 13 ta' Mejju 1991) u **"John Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et"** (Q.K. 21 ta` Jannar 1993); "**Eddie Fenech Adami et nomine vs Carmelo Bonello"** (A.C. 28 ta' Gunju 2002) u **"Jacqueline Cremona vs Water Services Corporation"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002. Citaz. Nru. 1480/95).

Fll-kawza precitata, "**Sammut -v- CGMO"** il-Qorti kkonkludiet li "*ma hemmx dubju li l-konvenuti fil-kwalita' taghhom premessa huma responsabbli ghall-operat tal-funzjonarji taghhom u wkoll ghad-decizjonijiet li inhadu mill-istess staff taghhom u anke ghad-decizjonijiet il-hziena u negligenti li nhadu mill-istess awtoritajiet inkluzi l-konvenuti fil-kwalita' ufficjali taghhom jew il-persuni li kienu jokkupaw l-istess kariga fiz-zmien in kwistjoni u l-persuni responsabbli mit-tmexxija tal-istess Sptar."* U rritetniet li "*l-funzjoni tal-Chief Government Medical Officer ma tieqafx biss fl-ghazla u l-hatra tat-tobba u l-istaff mediku imma testendi wkoll ghas-sorveljanza u l-amministrazzjoni gornaljera tal-addetti tieghu, u fejn dawn*

*jonqsu hu ghandu d-dover li jaghmel tajjeb ghad-danni kagjonati minnhom*. "

**iii) APPLIKAZZJONI TAL-PRINCIPJI LEGALI GHALL-FATTI TAL-KAZ.**

**L- Inolviment tal-konvenuta Carmen Cannataci:**

Jirrizulta mhux ikkontestat li l-konvenuta Carmen Cannataci hija *midwife* u f'dak il-lejl kienet addetta fil-*Maternity Ward* fil-*ground level* tal-Isptar. L-involviment taghha kien limitat biss fit-tfittxija ta' Lilian Briffa meta nstabet nieqsa mill-kamra taghha. Ghalhekk il-Qorti mill-ewwel qed tqis li ma kellha ebda responsabbilta` f'dak li gara u tilqa' l-eccezzonijiet taghha.

**Kif Sehh l-Akkadut u Ness ta' Kawzalita`**

Il-Qorti tibda biex tghid li bl-iktar mod kategoriku gie eskluz is-suwicidju fil-kaz in ezami. Ukoll ma nstabux sinjali ta' vjolenza esterna li setghu kkagunaw il-mewt tragika li garrbet Lilian Briffa li kienu inkompatibbli mal-waqa' minn tliet sulari.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg tezijiet konfliggenti. Da parti tal-atturi, kif jghidu fic-citazzjoni stess, gew somministrati lil Lilian Briffa mhux pillola wahda ta' *Stilnox*, imma zewg pilloli, fi zmien qasir, u thalliet minghajr ebda sorveljanza, u b'konsegwenza ta' dan, b'effet ta' allucinazzjonijiet ikkawzati minn dawn il-pilloli allucinogeni (*hypnotic)* waqghet gholi ta' tliet sulari mit-tieqa tal-kamra taghha tal-Isptar.

L-konvenuti rribattew billi allegaw li hi kienet *compulsive smoker* u s-sinistru sehh minhabba li Lilian Briffa ixxabbtet ‘il barra biex tpejjep u tevita s-*smoke alarm* fil-kamra.

Dwar din l-ahhar tezi, il-Qorti bilfors ghandha tiddeplora n-nuqqas lampanti ta' sensitivita' murija mill-konvenuti kollha lejn din il-pazjenta li kienet fdata fil-kura taghhom. Ma jirrizulta f'ebda hin ipprovat li Lilian Briffa kienet *compulsive smoker*. Anzi ghal kuntrarju, li jirrizulta fic-cert

hu li kienet tpejjep forsi wiehed jew tnejn kuljum u li kienet ilha ma tpejjep waqt li kienet l-Isptar. *Inoltre* li kieku kienet *compulsive smoker* wiehed kien jistenna li jsib tracci ta' dan il-vizzju f'sigaretti u *lighter/s* jew sulfarini fil-kamra taghha. Minn dawn ma nstab xejn u ebda xhud ma kkonferma din it-tezi, lanqas remotament.

Madanakollu l-Qorti ghandha d-dover li tfittex b'mod oggettiv, x'wassal ghall-waqa’ tal-pazjenta mit-tieqa f'dak il-lejl, u jekk dan hu, b'xi mod attribwibbli ghal xi nuqqas li jista' jinkolpa lill-konvenuti jew min minnhom skont il-Ligi.

Osservazzjoni ohra li l-Qorti trid taghmel hija li minn imkien ma jirrizulta li gew somministrati zewg pilloli ta' *Stilnox* f'dak il-lejl lill-pazjenta. Din l-impressjoni li kellhom l-atturi, u li hija l-qofol tal-kaz prezentat mill-atturi tohrog minn evalwazzjoni zbaljata tan-*nurses report* a fol. 214 tal-process. Difatti li jirrizulta mit-‘treatment chart’ huwa li *tablet* wiehed gie somministrat, ta' 10mg fl-10.00pm. Din il-konstatazzjoni wahidha tbiddel l-ottika tal-kaz ghaliex fejn is-somministrazzjoni ta' zewg pilloli kien jeccedi r-*recommended dose,* allura dan fih innifsu, kien jikkostitwixxi att ta' *medical malpractice,* fejn pillola wahda biss inghatat, li hija doza ammissibbli, is-sitwazzjoni mhix daqstant cara.

Mir-rapport tossikologiku li mhux ikkontestat, jemergu zewg fatturi:

1. Il-livell ta' Zolpidem (l-ingredjent attiv tal-i*Stilnox*) li instab fid-demm kien ta' 50 ug/L.; u

2 Tracci ta' nikotina nstabu fid-demm li juru li hi kienet qed tpejjep ftit minuti qabel ma mietet.

Indubjament, ghalhekk, huwa minnu li d-*decujus* setghet kienet qed tpejjep sigarett, izda huwa daqstant inkonfutabbli li kienet ghadha taht l-effett ta' pillola tal-irqad, li jista' ikollu anke effetti ta' sturdament (ara l-istess rapport tossikologiku u x-xhieda ta' Dr. Michael Sammut) u effetti ohra bhal allucinazzjonijiet. (ara x-xhieda ta' Dr. Steven Montfort). Difatti nghatat il-pillola fl-10:00pm u,

skont Dr. Mario Scerri, it-*time of death* kien ta' circa f'nofs il-lejl. Skont ir-Rapport din is-sustanza kienet ghadha fis-sistema ta' Lilian Briffa meta saret l-awtopsja.

Ukoll ir-Rapport jghid: *"Furthermore the manufacturers in their instructions on the use of the sleeping drug warns that:*

*In cases of nocturnal rising, after taking a sleep-inducing drug, there is a possibility of:*

- *delayed reaction with risks to falls*
- *sensation of vertigo"*

Tenut kont li Lilian Briffa kellha sahansitra aktar minn 70 sena, kellha tinbeda fuq 1/2 pillola. Kienet mara ta' statura zghira u ghalhekk wiehed jifhem li l-impatt ta' dozagg ta' pillola wahda, gja kontraindikat mill-*manufacturer* ghall-persuni tal-eta' taghha, kien ikun ferm iktar b'sahhtu milli fuq persuna ta' eta` izghar u ta' statura akbar.

Rinfaccjata b'dawn iz-zewg kostatazzjonijiet fir-Rapport Tossikologiku, l-Qorti hi tal-fehma li meta Lilian Briffa telghet ghal fuq is-soll tat-tieqa, kienet ghadha taht l-effetti tal-medicina li giet somministrata lilha. X'kienu dawn l-effetti izda ma jirrizultax mill-prova hlief li ma hemmx spjegazzjoni logika ghall-azzjoni taghha f'dik il-lejla tal-waqa' tragika taghha.

Il-Qorti terga' tmur lura ghall-mistoqsija maghmula mill-Avukat Micallef Stafrace rapportat iktar 'il quddiem f'din is-sentenza, u cioe`, kien mistenni li persuna ta' eta` avvanzata, li kienet normali, pjuttost *mhux agile* bhal Lilian Briffa, li kienet ser titla' fuq hogor ta' tieqa fit-tielet sular ta' Sptar f'nofs il-lejl, fid-dlam? Zgur li le. Dan l-agir mhuwiex agir normali u per konsegwenza t-tezi tal-atturi li kienet qed tagixxi taht *mind altered state* indott mis-somministrazzjoni ta' doza ta' pillola shiha ta' *Stilnox* mhuwiex inverosimili. Izda dak li hu possibbli ma jfissirx li hu ppruvat skont il-Ligi.

Madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora s-sejba ta' tracci ta' *Stilnox* fis-sistema tad-*decujus*, u dan, marbut mal-agir xejn normali taghha, jinduci lill-Qorti biex tikkonkludi li s-somministrar tal-pillola *Stilnox* ghandu ness dirett ta' kawzalita' fuq dak li sehh u, tenut kont tal-fatt li Lilian Briffa kienet pazjenta taht l-effetti ta' din id-droga meta telghet fuq is-soll, m'ghandhiex titqies li kellha xi responsabbilta' shiha jew kontributorja ghall-azzjonijiet taghha.

**<u>Tort - Dr. Mirabelle Pace</u>**

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina l-provi fid-dawl tal-allegazzjoni li s-somministrazzjoni tal-pillola *Stilnox*, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, kien sehh bi ksur tad-doveri professjonali tal-konvenuta Dr. Mirabelle Pace, u/jew tal-konvenuta Elizabeth Sarsero anke bl-applikazzjoni tal-principji evoluti mill-Qrati taghna.

Qabel xejn tajjeb li jigi pprecizat li din il-medicina giet deskritta mit-Tabib Montfort bhala medicina li "*jappartjeni ghall-generu tal-medicini li jitqiesu bhala ipnotici - fi kliem iehor qed nirreferi ghall-pilloli li jinduci l-irqad." Similment it-Tabib Mario Scerri ddeskriva l-iStilox bhala* "*droga li tinduci l-irqad."*

Ma hemmx dubju li l-pillola giet preskritta minn Dr. Pace u somministrata min-Nurse Sarsero abbazi ta' din il-preskrizzjoni. Dwar ir-rwol tan-*nurses*, **Josephine Zammit** xehdet li "*imma la t-tabiba ordnat 'one tablet' ma nistax natiha nofsha jien."* Kemm hi kif ukoll **Elizabeth Sarsero** u **Dr. Frank Portelli,** ikkonsidraw li l-i*Stilnox* huwa pillola tal-irqad li ma jirrikjedix kontrolli normali fis-sens li dak iz-zmien kien jigi moghti fuq semplici preskrizzjoni.[11] L-istess Zammit, li mhix konvenuta f'dan il-kaz, qalet li kienu regolarment jissoministraw l-i*Stilnox* lill-pazjenti u qatt ma nnutat *hallucinations* fihom "*assolutament xejn."* **Agnes Briffa,** *nurse* li kienet *on duty* f'dak il-lejl, ukoll xehdet li kkonsidrat li l-i*Stilnox* kienet medicina normali.

[11] Dan l-istat ta' fatt inbidel xi snin wara imma biss minhabba li z-Zolpidem beda jitqies bhala sustanza li jista' jinduci dipendenza tossikologika u mhux minhabba xi effetti deleterji fis-sustanza per se.

Fil-kaz in ezami, Dr. Mirabelle Pace zammet "*within the recommended dose*" indikat ghall-i*Stilnox* izda mhux "*within the recommended dose"* indikat ghall-mara anzjana bhal ma kienet Lilian Briffa.

Madanakollu ma jirrizultax ippruvat li l-ghotja ta' pillola shiha, minflok nofs pillola, probabbilment u prevedibbilment setghet tipproduci allucinazzjonijiet jew sturdamenti ta' portata tant gravi li setghu jinducu lill-pazjenta biex titla' fuq soll ta' tieqa u tesponi lilha nnifisha ghall-periklu car u mminenti.

Kif xehed Dr. Montfort, lanqas hu skontat li l-effett tal-i*Stilnox* ikun tali li l-pazjenta bilfors ikollha allucinazzjonijiet. Kif xehed "*Id-dozagg li jipprovoka allucinazzjoni jiddependi mill-kostituzzjoni tal-persuna li tkun qieghda tinghata dik il-pillola, sitwazzjoni medika u s-sitwazzjoni mentali tieghu."*

Ma kien hemm xejn li setghet twassal sabiex it-tabiba tahseb li l-pazjenta ma kenitx mentalment stabbli, jew li kienet ser tbati minn allucinazzjonijiet tali li forsi titla' fuq it-tieqa. Tant jidher li hu remot dan l-eventwali li Josephine Zammit, li hija *nurse* ta' esperjenza, lanqas biss kienet taf li l-i*Stilnox* jista' jipproduci allucinazzjonijiet. F'xogholha, zgur kienet tiltaqa' ma kaz jew iehor jekk dan l-effett kien mistenni.

FIl-fehma tal-Qorti, il-pern tal-kaz jirrisjedi fil-prevedibbilta' *o meno* tal-effetti deleterji tad-doza somministrata. Il-Qorti ghandha wkoll tezamina kif Dr. Pace waslet ghad-decizjoni li tippreskrivi d-doza ta’ *one tablet.*

**Ikkonsidrat** li Dr. Pace ppreskriviet l-i*Stilnox* wara li tkellmet mal-pazjenta wicc imbwicc, rat it-'treatment chart mediku' taghha, rat u evalwat il-medicinali li kienet qed tiehu, u kkonsidrat l-istat ta' sahhitha. Dan kollu certament ma gieghelx lill-Qorti tithasseb li hadet decizjoni bil-ghagla, b'nuqqas ta' professjonalita` u minghajr ma rat sew il-kondizzjoni tal-pazjenta.

Dwar il-medicina *Stilnox*, it-tabiba kienet familjari ma' din il-pillola tant li kienet tuzaha regolarment ghall-pazjenti taghha u kienet mgharfa wkoll dwar il-komponent tieghu. Dwar dan il-Qorti tirriskontra atteggjament iktar kawt da parti tal-konsulent Stephen Montfort u t-tabib Jonathan Joslyn, li t-tnejn rarament jew qatt issoministraw l-i*Stilnox*. Izda huma rabtu din ir-riluttanza mal-problemi respiratorji li kellha l-pazjenta, liema problemi wkoll gew valutati mit-Tabiba Camilleri qabel ma ppreskriviet il-pillola. Madanakollu minn imkien ma jirrizulta li din il-medicinali, *per se*, m'ghandhiex tintuza minn tabib tal-affari tieghu. *Del resto* lanqas dawn it-tobba ma qalu hekk u fix-xhieda taghhom iktar ghamlu enfasi fuq il-problemi respiratorji li sabu fil-pazjenta milli fil-possibbilta' ta' allucinazzjonijiet jew vertigini.

L-atturi sahhqu fuq il-kontra-indikazzjoni muri fuq l-insert tal-*iStilnox* li jirrigwarda persuni li jbatu minn *respiratory failure*. Izda anke dan gie kkonsidrat mit-Tabiba li eskludiet li Lilian Briffa kellha xi *respiratory failure*. Dr. Montfort ukoll eskluda dan riferibbilment ghal meta raha waqt il-gurnata tat-3 ta' Ottubru, fejn qal li tant kienet tjiebet il-kondizzjoni taghha li setghet "titlaq tigri fil-kurudur." Ma kienx ra lil Lilian Briffa filghaxija izda ma jirrizultawx provi li juru li bathiet minn xi *respiratory failure* qabel jew waqt li gie somministrat l-i*Stilnox.*

Fl-opinjoni taghha, it-tabiba Pace kkonsidrat li l-manufattur indika l-uzu ta' nofs pillola *"biex il-persuna illi tiehu dik il-medicinali ma torqodx iktar milli hemm bzonn jew inkella peress li tkun qabzet id-doza rakkomandata thossha sturduta meta tigi biex tqum."*

Meta kkonsidrat dawn il-fatturi, inkluz ukoll l-eta` ta' Lilian Briffa, spjegat ruhha hekk: *"Jiena nghid li bqajt fil-limiti tad-doza preskrivibbli peress li kont naf li s-Sinjura Briffa kienet ser tkun fl-isptar taht kura sorveljatha. Ma ghamilt ebda rakkomandazzjoni ohra ghax kont naf li kienet sorveljata. Ma tajt l-ebda rakkomandazzjoni dwar it-tieqa tal-kamra tas-Sinjura Briffa."*

Ghal mistoqsija jekk it-Tabiba Pace kinetx hatja ta' xi *medical malpractice* meta ppreskriviet pillola wahda kuljum "as recommended" ta' *Stilnox*, lill-pazjenta Lilian Briffa, il-Qorti twiegeb fin-negattiv. Kulhadd hu gharef wara fatt.

Jirrizulta li kkonsidrat il-fatturi kollha rilevanti ghall-kondizzjoni tal-pazjenta meta ppreskriviet id-doza tal-i*Stilnox*, mhux biss dawk medici, imma wkoll dawk esterni in kwantu li tat piz ghall-fatt li kienet rikoverata fi Sptar fejn kienet sorveljata (kull nofs siegha). Almenu kkonsidrat l-eventwalitajiet ragjonevolment previdibbli f'dan ir-rigward.

Ma setghet qatt tipprevedi li Lilian Briffa kienet ser titla' fuq is-soll tat-tieqa. Ghalhekk il-Qorti tqies li dawk il-prekawzjonijiet li kellhom jittiehdu, (sorveljanza regolari u spissi) kienu gja qed jittiehdu, u t-tabiba ma kellhiex ghalfejn tordna *nurse round the clock* mal-pazjenta biex tkun tista' tissoministra pillola wahda tal-irqad. Lilian Briffa ma kenitx *high risk* jew *high dependence patient* u l-atturi ma rnexxilhomx iressqu l-icken prova li pillola wahda tal-i*Stilnox* tirrendi lill-pazjenta *high risk*.

Ghalhekk fil-konfront ta' Dr. Mirabelle Pace, il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandha tigi addebitata b'ebda tort ghall-akkadut.

**<u>Tort - Elizabeth Sarsero</u>**

Ghall-istess ragunijiet, in kwantu li l-kaz attrici ma tistax tirnexxi bl-applikazzjoni tat-*test* ta' prevedibbilta` mill-professjonist li jkun qed jezercita d-diligenza tal-*bonus paterfamilias*, il-konvenuta Elizabeth Sarsero m'ghandhiex titqies responsabbli ghall-akkadut. Kif gie ritenut mill-Qrati taghna fis-sentenzi fuq citati dwar il-"*Prevedibblta` din li trid tkun ta' probabbiltajiet ragjonevoli u mhux ta' possibbiltajiet remotissimi u inverosimili".*

B'dan il-Qorti m'hi b'ebda mod qed taqbel ma' dak li qalet Josephine Zammit fis-sens li *nurse* toqghod ghal dak li jippreskrivi t-tabib. Anke *nurse* ghandha l-obbligu li ma tikkagunax hsara lill-pazjenti taht il-kura taghha u li tagixxi

bi professjonalita' li wiehed oggettivament jistenna minn persuna fil-pozizzjoni fdata taghha.

Izda *stante* li d-doza li nghatat tal-i*Stilnox* kien fil-limitu tar-*recommended dose* l-Qorti ma tistax tqis li Sarsero kienet negligenti meta ssomministrat din il-pillola. *Del resto*, ir-*recommended dose* ta' nofs ghall-persuni anzjani jidher li hu dovut ghall-fatt li nofs pillola normalment tkun bizzejjed biex tinduci l-irqad, li huwa l-iskop ghalfejn tittiehed din il-medicina.

*Inoltre* Elizabeth Sarsero kienet hi li hadet id-decizjoni li tiftah it-tieqa tal-kamra. Izda similment din il-Qorti ma tistax issib li kien hemm xi nuqqas sal-grad rikjest mil-ligi fl-assena ta' prova li kien hemm probabbilta` ragjonevoli u taghrif komuni li pillola wahda ta' *Stilnox* kien ser ibiddel il-komportament jew stat mentali ta' Lilian Briffa b'tali mod drastiku li t-tieqa kellha tinzamm maghluqa.

**<u>Tort - Golden Shepherd Group Limited</u>**

Il-Qorti tqies li min jipprovdi servizzi tal-Isptar qieghed jassumi obbligazzjonijiet kontrattwali mal-pazjenti li joffrilhom mhux biss kura adegwata fl-Isptar, permezz tal-istaff, tobba u servizzi medici, imma jkun qed joffri post fejn is-sahha u s-sigurta' taghhom hija wkoll mharsa. B'dan ma jfissirx li sptar ghandu jkun responsabbli sal-grad massimu ta' *strict liability.* Sptar mhuwiex l-assikuratur tal-pazjent skont il-Ligi taghna. Madanakollu Sptar huwa tenut li joffri facilitajiet li huma ragjonevolment mahsuba biex jipprotegu lill-pazjent minn dannu u periklu. Dan ifisser li Sptar ghandu jamministra *policies* li huma ragjonevolment mehtiega ghall-kura, trattament u sigurta` tal-pazjenti tieghu.

Il-pazjent ghandu diversi drittijiet, fosthom, *the right to safety.* Mhuwiex korrett li wiehed jistenna li t-tobba kuranti fl-Isptarijiet ghandhom jikkontrollaw ir-riskji kollha li jista' jigi espost ghalihom pazjent *e.g.* li jipprevjeni li l-pazjent ma jaqax meta jqum mis-sodda, jew, bhal ma gara fil-kaz odjern, li jipprevjeni li jkollu incident gravi u fatali, u

ghalhekk l-Isptar ghandu jwiegeb ghad-danni li jistghu jigu kkagunati minhabba xi nuqqas tal-istituzzjoni li jkollha *policies* siewja ghat-tharis tal-pazjenti. L-Isptar ghandu obbligu kontrattwali, espress jew tacitu, li jipprovdi "*a safe environment"* ghall-pazjenti tenut kont tal-*known medical condition* tal-pazjent.

Dan jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Il-kaz ikun differenti li kieku pazjenta hija misjuba li tbati minn dipressjoni jew minn mard mentali, jew per ezempju, tkun ammessa ghall-trattament ghall-abbuz ta' droga jew alkohol, ghaliex f'dawk il-kazijiet, hu ragjonevolment mistenni li l-Isptar ikollu *policy* li jindirizza l-probabbilta' li pazjenti ta' dawn it-tip jkunu ta' perikolu ghalihom infushom jew ghall-terzi u anke zzommhom taht *restraint* jew sorveljanza.

**Ebda wiehed minn dawn il-fatturi ma kien prezenti fil-kaz odjern**, u difatti in-*nurses* li xehdu f'din il-kawza, jghidu li jridu jezistu ragunijiet serji biex ma jifthux it-twieqi tal-kmamar meta l-pazjent hekk jitlob izda mhux fil-kaz in ezami.

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina l-*policies* u sistemi adoperati mill-Golden Shepherd Group fit-tmexxija tal-Isptar St. Philip's fid-dawl tal-akkadut.

Dwar dan il-Qorti ser taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. Tqies li l-*policy* ta' *countersigning* minn zewg *nurses* qabel ma jigi somministrat xi medicinali lill-pazjenti hija ghaqlija u essenzjali. F'dan il-kaz ma kienx hemm eccess mir-*recommended dose.*

2. Il-livell tat-tieqa fil-kamra tal-pazjenta huwa baxx u, li kieku ma kienx ghall-fond tas-soll, kien ikun fih innifsu perikoluz ghal kull pazjent. Dan ikkonstatatu l-Qorti stess fattwalment skont il-kejl tal-Perit Aquilina. Izda l-hxuna jaghmilha mpossibbli biex persuna taqa' billi tixxabbat mit-tieqa specjalment tenut kont tal-istatura zghira ta' Lilian Briffa. Kellha bilfors titla' fuq is-soll biex taqa'.

3. Jirrizulta mhux ikkontestat li kien hemm *allocation* ta' *nurses* ghal kull 4 pazjenti, liema *allocation* hu ferm iktar ikkoncentrat minn dak li kien adoperat fl-Isptar St. Luke's skont ix-xhieda ta' Josephine Zammit. L-atturi jghidu li n-'nurses' kienu mhabbtin f'dak il-lejl u jista' ikun li Sarsero ma marritx kull nofs siegha biex tittawwal fil-kamra ta' Lilian Briffa. Izda dan hu kkontestat minn Elizabeth Sarsero stess u generalment minn Josephine Zammit li qalet li n-*nurses* kollha li kienu 'on duty' kienu fuq il-*ward floor* ghajr ghall-perjodu meta wahda minnhom nizlet biex takkompanja pazjenta mit-*theatre.* Kien hemm 12-il pazjent dak il-lejl u b'hekk gew allokati 4 pazjenti kull wiehed. Huwa minnu li mil-lista tal-pazjenti a fol 153 jirrizultaw biss zewg *nurses on duty*. Izda jirrizulta mix-xhieda prodotti li kien hemm *nurse* ohra, Agnes Bezzina wkoll *on duty.* L-atturi esebew kopja ta' *lodo* tat-Tribunal Industrijali[12] f'kaz li kien jinvolvi s-socjeta' konvenuta fejn intqal li l-Isptar ghal habta ta' Gunju 1999 kien jinstab fi process ta' ristrutturar u stat finanzjarju qrib il-falliment. Izda din fiha nnifisha mhix prova ta' *understaffing* fi grad ta' kolpabbilta' specjalment meta wiehed jirreferi ghal dak li stqarret Josephine Zammit li fl-Isptar St Luke's, ir-*ratio* ta' *nurse patient* huwa 1:30.

4. Hafna piz intefa' fuq il-banketta li tinsab fil-kamra ta' Lilian Briffa. Din m'hi xejn hlief *footstool* pozizzjonata hdejn pultruna biex dak li jkun iserrah saqajh fuqha. Hu ovvju li din il-banketta setghet intuzat biex Lilian Briffa titla' biex tpoggi fuq is-soll tat-tieqa. Kif qal l-Ispettur Cordina "*Li tixxabbat u tgheleb ma nahsibx li hi facli ghaliex hemm il-fond - id-dobblu*." Izda anke dwar l-uzu tal-banketta ghad hemm dubju. L-iSpettur mistoqsi: "*L-impressjoni tieghek kienet li kien hemm xi caqliq? Li xi hadd seta' tela' fuq din il-banketta jew le? Risposta: Ma deherx li kien hemm le.*" *Inoltre* kif qal is-Surgent Costa, it-tieqa kellha *two leaves*. Il-ftuh kien fuq in-naha tal-lemin tat-tieqa, int qed thares mill-kamra ghal barra filwaqt li l-banketta nstabet pozizzjonata fuq in-naha tax-xellug tat-tieqa (ara ritratti forensici esebiti). Din l-osservazzjoni "*raises more*

[12] **Fol.449 et seq.**

*questions than answers"* izda mhux il-kompitu tal-Qorti, f'dan l-istadju tal-kaz, li tidhol fi spekulazzjonijiet inutili. Bizzejjed li tapplika ghall-fatt tal-*footstool* it-test ta' prevedibbilta'. Wiehed seta' ragjonevolment jipprevedi li mara anzjana ser tuza l-banketta biex titla' fuq hogor it-tieqa biex tixxabbat ghal barra?

5. **It-Tieqa Miftuha** : Il-*policy* tal-Isptar dwar l-ftuh tat-twieqi giet spjegata fid-dettall minn Dr. Frank Portelli. It-twieqi kienu jinzammu maghluqin peress li l-Isptar kien *controlled environment* minhabba sistemi ta' *air filtering* u *air conditioning.* Madanakollu t-twieqi kienu jinfethu fuq talba tal-pazjent jekk ma jkunx hemm raguni ghaliex dan ma jsirx. Izda xorta kien hemm element ta' kontroll fis-sens li kien hemm biss cavetta wahda ghal kull *floor* u l-pazjent irid l-ewwel jitlob lin-*nurse* u hi, jekk ma jkun hemm xejn kontra, iggib ic-cavetta biex tiftah it-tieqa. Fil-kaz in ezami, il-Qorti mhix konvinta li Lilian Briffa kellha tigi kkonsidrata bhala *high risk* anke wara li giet somministrata l-i*Stilnox*, ghar-ragunijiet fuq gja spjegati rigward il-medicina u l-effett tieghu. Anke l-fatt li kienet ghamja minn ghajn wahda ma jbiddel xejn minn dan ghaliex kienet imdorrija tghix hajjitha u tadegwa ghal din il-kondizzjoni tant li kienet anke taqra u tara t-*television*. *Inoltre* li kieku kienet f'perikolu minhabba n-nuqqas fil-vista, il-familjari taghha kienu certament jassiguraw mal-i*staff* li t-tieqa ghandha tinzamm dejjem imsakkra ghar-ragunijiet tal-inkolumita` taghha. Ma kien hemm ebda raguni prevedibbli li seta' jinduci lill-Isptar li jiehu d-decizjoni li – (a) izomm it-tieqa msakkra, u (b) jassenja *nurse round the clock* lil Lilian Briffa, meta kienet qed tistejqer, u kellha komportament u stat mentali normali.

L-abbli difensur tal-atturi ccita diversi sentenzi ta' Qrati barranin fil-materja tar-responsabbilta` legali ta' sptarijiet u istituzzjonijiet medici. Izda fil-fehma tal-Qorti, dawn isahhu t-tezi li rimedji estremi bhaz-zamma forzata ta' pazjent fis-sodda, jew tiskir tat-twieqi, jew li pazjent jinzamm fis-sular t'isfel, huma mizuri straordinarji rikjesti minn sitwazzjonijiet fejn wiehed jista' ragjonevolment jipprevedi li l-pazjent ser ikun ta' periklu ghalih jew ghall-pazjenti ohrajn.

F'certu sens, kif osserva l-abbli difensur tas-socjeta' konvenuta, kull pazjent jisthoqqlu "*twenty four hour care"*, izda dan imur *oltre* mill-i*standard* ta' kura u diligenza li trid il-Ligi li hija dik mistennija minn "*bonus paterfamilias."*

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ssib li t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tichad it-talbiet attrici** in kwantu li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

L-ispejjez jigu sopportati mill-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------